MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2011

Numru. 280/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**vs**
**Ludwig Bugeja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ludwig Bugeja ta’ 30 sena Angelo u Yvonne nee’ Camilleri, mwieled Pieta fil-5 ta’ Frar, 1976, li joqghod fil-fond numru 18, Triq l-Lljun, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 113276M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-4 ta’ Jannar 2005, fi Triq Monsinjur Giuzeppi Schembri Tarxien, ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Clarion minn go vettura ta’ l-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni ABI 179, liema serq huwa kkawlifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Patrick Pace;

Fl-istess data u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq;

Sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghat il-provi;

Rat li la l-Prosekuzzjoni u l-anqas id-Difiza ma prezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' stereo tal-marka Clarion minn gewwa vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni ABI 179 li sar fl-4 ta' Jannar 2005 waqt li l-imsemmija vettura kienet parkeggjata fi Triq Monsinjur Guzeppi Schembri, Hal-Tarxien u liema serq sar ghad-detriment ta' Patrick Pace il-propjetarju tal-imsemmi stereo u vettura.

Mill-provi u senjatament mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Michael Mallia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2007 jirrizulta li meta sid l-imsemmija vettura Patrick Pace ghamel rapport[1] li kien sab il-quarter window tan-naha ta' wara tax-xellug miksura u l-bieba ssgassata u l-istereo misruq huwa kien gie mibghut ic-CID yard fid-Depot sabiex il-vettura tieghu tigi ezaminata u jigu elevati xi fingerprints li seta' kien hemm fuq l-imsemmija vettura. Dan ix-xoghol sar minn PC1525 Patrick Farrugia[2] li eleva l-impronti digitali nseriti a a fol. 19 tal-process. L-Ufficjal Prosekutur

[1] Inserit a fol. 67 sa 69 tal-atti processwali.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2007.

spjega li huwa rcieva nformazzjoni kundifidenzjali li l-imputat Ludwig Bugeja seta' kien il-persuna li effetwa s-serqa in dizamina. Meta l-imputat gie nvestigat huwa rrilaxja stqarrija[3] fejn cahad l-involviment tieghu f'din is-serqa u anki meta gie mehud fuq il-post fejn kienet parkeggjata il-vettura huwa eskluda li fil-gurnata in kwistjoni kien mar f'dik il-lokalita' u triq[4] jew b'xi mod avvicina l-imsemmija vettura. Wara li gew elevati l-impronti digitali tal-imputat u sar ezami komparattiv mill-Pulizija seta' jigi konstatat li l-lifters li gew elevati mill-vettura li nsterqet kienu jaqblu mal-impronti digitali tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' digriet tad-29 ta' Mejju 2009 gie mahtur bhala espert tal-fingerprints Joseph Mallia bl-inkarigu li jeleva l-impronti digitali tal-imputat Ludwig Bugeja u imbaghad jaghmel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u l-lifters li gew elevati mill-vettura li minnha nsteraq l-istereo. Fit-13 ta' Novembru 2009 l-imsemmi espert prezenta r-rapport tieghu, liema rapport jinsab inserit a fol. 91 sa 121 tal-atti processwali fejn huwa kkonkluda s-segwenti:-

'*Illi wara li gew ezaminati, studjati u ikkomparati id-dokumenti 05 ABE 301 u 05 ABE 302, lifters li jigbru fihom impronti digitali zviluppati permezz tal-black powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti, u id-dokumenti JM formola ta' l-impronti digitali u JM1 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta'* ***Ludwig Bugeja****, li joqghod fil-fond numru 21, Triq Joseph Stivala Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113276(M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

- *Illi l-ewwel zewg (2) impronti li jidhru elevati minn naha tax-xellug tal-lifter document 05 ABE 301 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-*

[3] Inserita a fol. 20 sa 22 tal-atti processwali.
[4] Ara xhieda ta' PC 1337 Kevin Curmi a fol. 56 u 57 tal-atti processwali u x-xhieda ta' PS 90 Jeffrey Gerada a fol. 50 u 51 tal-process.

*komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti, u id-dokumenti JM formola ta' l-impronti digitali u JM1 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' **Ludwig Bugeja**, li joqghod fil-fond numru 21, Triq Joseph Stivala Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 113276(M).*

- *Illi it-tielet (3) impronta li tidher elevata minn naha tax-xellug tal-lifter document 05 ABE 301 giet ikkomparata u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett ta' l-id ix-xellugija ta' **Ludwig Bugeja**, li joqghod fil-fond numru 21, Triq Joseph Stivala Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113276(M).*

- *Illi l-impronta li tidher elevata permezz tal-lifter document 05 ABE 302 giet ikkomparata u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' l-id ix-xellugija ta' **Ludwig Bugeja**, li joqghod fil-fond numru 21, Triq Joseph Stivala Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113276(M).'*

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li r-rizultati ta' dan l-ezami komparattiv maghmul mill-espert mahtur minna jikkostitwixxu prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat krin il-persuna li effetwa s-serqa tal-istereo fl-4 ta' Jannar 2005 minn Triq Monsinjur Guzeppi Schembri, Hal-Tarxien. Dan jinghad ghaliex ma kien hemm ebda ragun il-ghala l-impronti digitali tal-imputat kellhom jinstabu fuq l-imsemmija vettura jekk mhux ghaliex l-imputat kien il-persuna li sgassa l-vettura u seraq minnha stante li kif intqal aktar 'il fuq huwa innega b'mod assolut li fil-gurnata in dizamina huwa kien fl-imsemmija lokalita' jew b'xi mod avvicina il-vettura u dan minkejja li gie rilevat lilu li l-impronti digitali tieghu nstabu hdejn il-quarter window li giet miksura.

L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Stante li jirrizulta li t-tieni imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi addebitat bir-reat ta' ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-

ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat ser jinstab hati l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni(2) imputazzjoni.

Permezz tat-tielet(3) imputazzjoni l-imputat jinsab addebitat bir-recidiva. Il-Prosekuzzjoni produciet kopji formali tas-sentenzi relattivi liema kopji jinsabu inseriti a fol. 23 sa 49 u saret ukoll id-debita prova tal-identita' u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u li ghalkemm huwa inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu huwa naqas milli juzufruwixxi minn talli opportunita'. Fic-cirkostanzi jidher ghalhekk li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b) u (g), 263, 271, 278, 20, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax(13)-il xahar prigunerija. In vista tal-fatt li t-tieni(2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta din l-imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin ewro u tlieta u disghin ewro centezmi (€554.93) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------